MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 388/2007

**Avviz Numru 388/07CSH**

**Joseph Buttigieg**

**Vs**

**Ray Bugeja u Vincent Buhagiar**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar id-d-disgha w ghoxrin (29) ta’ Novembru 2008 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lill-atturi nomine dik is-somma li tigi stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur sia tal-artikolu 28 kif ukoll tal-artikolu 29 ta’ l-Att Dwar l-Istampa (Kapitolu 248) u dana previa d-dikjarazzjoni li r-rapprezentazzjoni grafika riportata fil-gazetta THE TIMES datata tlieta (3) ta’ Settembru 2007 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A) hija falza u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u kienet tikkontjeni allegazzjonijiet foloz fil-konfront tal-atturi b’mod li attribwewlu fatti determinanti

bi skop li joffendu l-unur, r-reputazzjoni u l-fama tieghu u li tesponih ghar-redikolu u ghad-disprezz pubbliku.

Bl-ispejjez w interessi legali mid-data ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimati pprezentata nhar is-sebgha (7) ta' Jannar 2008 (fol. 7) fejn esponu s-segwenti:-

1. Illi l-intimat Vincent Buhagiar ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju peress illi l-azzjoni spettanti lir-rikorrent kontra l-istampatur ma tesistix la darba l-editur tal-gazetta huwa maghruf u huwa l-istess intimat l-iehor Ray Bugeja li kien registrat mal-Awtorita kompetenti bhala l-editur tal-harga tal-gazetta f'dik il-gurnata.
2. Illi fil-mertu il-pubblikazzjoni grafika mhiex libelluza fil-konfront tar-rikorrent.
3. Ghaldaqstant t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess rikorrent.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hdax ta' Dicembru 2008.

Ikkunsidrat:

Illi l-attur **Joseph Buttigieg** xehed nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 2008 u dan fil-kariga tieghu ta' President tal-Assocjazzjoni tal-Federazjoni Kaccaturi Nassaba u Konservazzjonisti.  Jghid li ilu jokkupa din l-kariga ghal dawn l-ahhar tnax-il sena.

Huwa ghamel referenza ghall-karikatura li hemm esebita a fol. 2 murija fil-gazzetta bl-isem "*The Times*" tal-harga tat-tlieta (3) ta' Settembru 2007 u dan ghaliex hass li kienet libelluza fil-konfront tieghu.  Jghid li ma kieneitx l-ewwel darba li kien hemm karikaturi ppubblikati fil-konfront tieghu izda gieli dahaq bihom u gieli rrabbjawh ftit pero ma tantx inkwieta.  Pero jghid li meta ra din il-karikautra 'n ezami huwa hass li kellu jipprezenta kawza ghall-libell.

Jispjega li kien hareg regolament fil-hmistax (15) ta' Settembru 2007 fejn kien gie deciz li l-kacca kellu jieqaf fit-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00 p.m.) u l-iskop ta' dan ir-regolament kien sabiex jipprotegi it-tajr tal-priza li jghaddi biex b'hekk ikun hemm inqas cans ta' sparar. Dan nonostante pero f'din il-karikatura insibu kaccatur bil-band ma idejh bl-ittra FKNK li qed ihares lejn it-tajra protetta u jghid "*forget Joe its five minutes past three*" u b'hekk fil-fehma tieghu din talludi ghall-President li kien qieghed jikkacca wara nofsinhar, avolja suppost waqaf mill-kacca w in oltre kien qed jikkacja fuq tajr protett.
Jghid li dan l-ghasfur li hemm fir-ritratt huwa Harpa bl-igliz maghruf bl-isem 'Osprey' u huwa tajr protett. Huwa hass li peress li huwa dejjem jghamel *press releases* sabiex ma jkunx hemm kacca fuq it-tajr ma hux gust li ipinguh hekk u kien ghalhekk li hass ruhu ngurjat.

Jghid ukoll li wicc l-annimal li hemm fil-karikatura huwa wicc ta' animal tal-priza li jaqbad annimali ohra, anke l-hut jaqbad u b'geddumha ikun jista jqatta l-laham biex jieklu. Fil-fatt ighid li dan l-ghasfur jidhol fil-kategorija tal-ajkli. Huwa jhoss li ma kien hemm l-ebda cajta fiha din il-karikatura. Izid ghid li l-harpa fir-ritratt huwa libes arlogg biex jipprova jiccajta u jghid x'hin hu sabiex javza lil dak li jkun li ma jistax isir sparar ghax lehqu ghaddew it-tlieta ta' wara nofsnhar.

Mistoqsi 'n kontr'ezami jekk hux qed jara ghasafar ohra fil-karikatura, jghid li hemm xi linji li jghamlu t-tfal meta ipingu l-ghasafar li jista jkun huma wkoll harpi gejjin mill- boghod.

**Lino Farrugia**, segretarju tal-Assoccjazzjoni tal-Federazzjoni tal-Konservazzjoni ta' Ghasafar, Kaccaturi, Nassaba u Konservazzjonisti xehed nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 2008.

Huwa kkonferma li l-kariga ta' l-attur hija dik ta' President u li 'n effetti ilu jokkpa din il-kariga ghal dawn l-ahhar tnax-il sena. Qal li l-Assoccjazzjoni minn dejjem ikkundannat l-illegalitajiet specjalment sparar fuq tajr maghruf bhala tal-Priza. Huwa esebixxa tlett stqarrijiet li gew immarkati

bhala Dok. CSH 1, CSH 2 u CSH 3 rispettivament ghal dan il-ghan.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta’ Lulju 2008 l-attur esebixxa stampa tal-ghasfur Harpa, liema dokument gie markat bhala Dok, JB 1.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza ghandha l-origini taghha f’karikatura ppublikata fil-harga tal-gazzetta “The Times” tat-Tnejn, tlieta (3) ta’ Settembru 2007. F’din il-karikatura nsibu karikatura tal-President tal-Assoccjazzjoni tal-Federazzjoni tal-Konservazzjoni ta’ Ghasafar, Kaccaturi, Nassaba u Konservazzjonisti bil-band ma idu bl-ittri FKNK ihares lejn l-ghasfur Harpa bis-senter f’idejh. L-ghasfur qieghed ihares lejn l-arlogg u jindirizza lil Presient bil-kliem ‘*forget it Joe its five past three*.”

Illi l-attur xehed quddiem din il-Qorti u spjega kif huwa hassu offensiv b’din il-karikatura ghaliex kien tal-fehma li l-messagg li kienet qed taghti lill-pubbliku din il-karikatura, kienet li l-President tal FKNK kien sejjer jispara fuq tajr protett wara il-hin permess mill-ligi.

Illi l-konvenuti ma xehdux f’din l-istanza.

Il-kwistjoni ghalhekk li trid tindaga din il-Qorti, hija sa fejn din il-karikatura tista tigi ddentifikata b’dan il-personagg u safejn tista ssir hsara lill-attur fil-konfront ta’ terzi, li jaraw din il-karikatura.

Hija l-fehma tal-Qorti li jekk wiehed jara l-assjem ta’ din il-karikatura, bid-dettalji kollha taghha, wiehed bilfors irid jghati kaz tax-xhieda li giet moghtija mill-attur w ghar-referenza li ghamel ghal xi regolamenti.

Issa l-azzjoni odjerna tittratta dik ta’ danni ghal malafama kontemplata fl-Artikolu 29 ta’ l-Att dwar l-Istampa, liema malafama tinsorgi, jekk fl-istampat denunzjat jigu attribwiti lil persuna “*fatti determinant bl-iskop li joffendu l-unur u l-*

*fama tieghu jew li jesponuha ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku.”* (Art.11)

Il-karikatura certament tirrientra fit-tifsira tal-Att imsemmi bl-Artikolu 2 bit-tifsira li jghati lill-kelma “*stampat*” u effettivament skond il-kazistika Ingliza “*a man may be grossly libelled as effectively exposed to hatred contempt and redicule, by a caricature as by a written language*. (**Ellis vs Kimbell 1834** citata f’nota marginali fil-Gatlely **On Libel and Slander** 7th Editione pagna 42.)

L-istampa viziva hija aktar effettiva u hija l-ewwel li tolqot l-ghajn. Il-qarrej ordinarju. li jara din il-karikatura, ser imur mill-ewwel fuqha u ser jidentifikha mal-personagg tal-attur li huwa l-President tal FKNK.

Il-Qorti hawnhekk tghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Onorevoli Perit Michael Falzon** deciza fil-hmistax (15) ta’ Dicembru 1997 fejn intqal li “*huwa wkoll stabilit fil-gurisprudenza taghna li l-gudikant ghandu jara dak li ragonevolment jifhem il-qarrej t’intelligenza ordinarja; it-test tal-karattru libelluz o meno t’artikolu li jikkonsisti fl-impressjoni li jhalli l-artikolu fuq il-qarrej ordinarju.*”

Il-fatt illi f’din il-kawza ghandna karikatura u mhux xi artikolu, jkompli jenfasizza dan it-taghlim fis-sens illi l-impressjoni li thalli din il-karikatura fuq il-qarrej ordinarju, huwa t-*test* li l-Qorti trid tuza sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha. (vide **Onorevoli Wenzu Debrincat vs Onorevoli Dr. Carmelo Caruana** Appell Kriminali deciza nhar il-hmistax (15) ta’ Gunju 1957 u **Onorevoli Segretarju Parlamentari Joe Fenech vs Evarist Bartolo** Appell deciz nhar t-tmienja (8) ta’ Gunju 1999.

Veru mhux important li wiehed jara x’kellu f’rasu l-awtur tal-istampat jew jara kellux *animus injuriandi*, imma dak li huwa mportant hu li wiehed jara x’jifhem il-qarrej ordinarju u t’intelligenza normali meta jaraha (**Avukat Dr. Jos Desira Buttigieg vs Emanuele Cossai** Appell Kriminali deciz nhar d-disgha w ghoxrin (29) ta’ Novembru 1958, u **The police vs Joseph James Scores Hedley** Appell

Kriminali deciz nhar l-ghaxra (10) ta' Jannar 1949 u **Joseph Scerri vs Thomas Hedley** deciz nhar t-tletax (13) ta' Jannar 1962.

B'qarrej ordinarju, wiehed necessarjament jifhem dak li fid-dutrina Ingliza jissejjah "*right thinking person*". Persuna li ma toqghodx tissottilizza, imma tifhem il-kliem jew stampat iehor *"in their natural and ordinary meaning that is in the meaning in which reasonable men of ordinary intelligence with the ordinary man's general knowledge and experience of wordly affairs would be likely to understand them*" (Gately op. Cit pagna 47).

Dedotti mill-istampat imbaghad hemm l-inferenzi "*which a reasonable reader guided not by any special but only by general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the words.*" (**Jones vs Skelton** ).

It-tifisra ma tista tkun dik inokwa skond il-fehma tal-intimat u fl-istess waqt difamatorja skond l-opinjoni tar-rikorrenti. It-*test* ghandu ikun wiehed oggettiv kif mifhum mill-qarrej ordinarju.

Kif qal l-awtur **Gatley** fil-ktieb **Libel and Slander:**

*"Any imputation which may tent to lower the plaintiff in the estimation of right thinking members of society to cut him off from society, or to expose him to contempt or to ridicule, is defamatory of him".*

Huwa mportanti pero li din il-Qorti tghid kelmtejn fuq il-limiti tal-Istampa u l-bilanc li kellu jinzamm bejn dan l-istess dritt u l-interess tal-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni u l-integrita tal-karattru tieghu.

B'danakollu, kif gja gie rilevat kemm mill-Qorti Ewropeja kif ukoll il-Qrati taghna, dejjem qaghdu attenti li filwaqt li rrikonoxxew stampa hielsa f'pajjiz demokratiku ammonew ukoll li dik kellha tkun "stampata responsabbli li kienet obbligata wkoll li entro l-limiti stabbiliti topera bir-rispett xieraq tal-persuni li jattiraw l-attenzjoni taghha bhala

oggett ta' kritika jew kumment. (**Onorevoli Perit Charles Buhagiar vs Ray Bugeja noe** deciz mill-Qorti tal-Appell nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Mejju 2001).

Issa fil-kaz in ezami, l-intimat, fit-trattazzjoni tieghu, ghamel referenza ghas-segwenti legislazzjonijiet w ghalhekk il-Qorti hasset il-htiega li tirrapporta dak li jghidu 'n konnessjoni ma kacca fuq tajr protett u l-limitu tal-hinijiet ghall-kacca.

L-Att Legali numru 79 tas-sena 2006, imsejjah 'Att Dwar il-Harsien ta' l-Ambjent' (Att Nru XX ta' l-2001) u cioe r-regolament tas-sena 2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u appuntu ghall-ewwel Taqsima, artikolu 3(1), hemm imfisser li l-ispeci ta' ghasafar imsemmija fl-iskeda li ghandhom ikunu soggetti ghal mizuri specjali ta' konservazzjoni li jirrigwardaw l-abitat taghhom, inkluz b'mod partikolari d-desinjazzjoni ta' zoni specjali ta' harsien.

Issa skond l-istess skeda numru 1, insibu li t-tajr *Pandion Haliatus* bhala li huwa ghasfur protett u dan hu l-familja tal-ghasfur maghruf bl-isem kollokjali ta' Harpa w ghalhekk m'hemmx dubbju li t-tajra Harpa murija fil-karikatura hija tajra protetta.

Jigi nnotat ukoll li r-regolament li ghamel referenza ghalih l-attur fix-xhieda tieghu, hija l-Avviz Legali nurmu 280 tas-sena 2007, imsejjah 'Att Dwar il-Harsien tal-Ambjent' (Kap 435) u cioe regolament li jemmenda r-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (Emenda numru 2) u fl-artikolu 7 ta' dan l-avviz insibu emenda ghar-regolament 19 tar-regolament principali fis-sens li l-kliem "saghtejn qabel inzul ix-xemx" jinbidlu bil-kliem "saghtejn wara nzul ix-xemx" u b'hekk huwa minnu wkoll li kacca wara it-tlieta ta' wara nofsinhar, ma jistax ikun hemm.

Illi pero bir-rispett kollu dak li fehem r-rikorrenti bil-vizwali tal-karikatura ma hux dak li fehmet il-Qorti. Fil-fehma taghha anzi jiftiehem l-oppost u cioe li l-President ihobb il-kacca u meta ra li l-ghasfur huwa tajr protett u kienu wara

it-tlieta, hu ma ttentax jispara tant li s-senter tieghu huwa jhares lejn id-direzzjoni tal-art u mhux tat-tajr.

Illi bir-rispett kollu ghalhekk il-Qorti ma thossx illi din il-karikartura hija libelluza fil-konfront tal-Presient tal-FKNK.

**Dwar l-ewwel eccezzjoni li l-intimat Vincent Buhagaiar ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi l-azzjoni spettanti lir-rikorrent kontra l-istampatur ma tesistix la darba l-editur tal-gazetta huwa maghruf hija eccezzjoni li ghandha tintlaqa a bazi ta' dak li tiddisponi l-ligi f'dan ir-rigward.**

**Ghaldaqstant, filwaqt li qieghda tillibera lill-intimat Vincent Buhagiar mill-osservanza tal-gudizzju, qieghda tilqa l-eccezzjonijiet tal-intimat Ray Bugeja billi tiddikjara li l-karikatura 'n desamina ma hiex libelluza u b'hekk tichad it-talba attrici.**

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------